Kunsill Lokali
Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 12– Il-Ħamis 9 ta' April 2020**

Il-Kunsill iltaqa' online nhar il-Hamis 9 ta' April 2020 fis-2:00pm u t-trasmizzjoni ma gietx transmessa online għall-pubbliku minħabba ċċirkustanzi preżenti u l-pandemija tal-COVID-19.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti** | Kevin Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Teddy Saliba | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

| | | |
|---|---|---|
| **Skużata** | Loredana Agius | Ambaxxattriċi |

12.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Kevin Cauchi.

**12.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Sar qbil fuq xi emendi fil-Minuti tal-laqgħa ta' qabel. Il-Vici Sindku Franco Ciangura rrefera għal fatt li kien issuġġerixxa li hux ta' min intellgħu sular ieħor fuq il-librerija u s-Sindku kkonfermalu li huwa kien diġa kkuntatja l-Perit dwar din il-possibilita'. Il-Kunsillier Larry Buttigieg kien staqsa x'sar minn din il-proposta.

Rigward id-diskussjoni tat-Taraġ ta' ħdejn il-Grand Hotel, il-kunsillier Stephen Mercieca propona sabiex nirrinġawh u l-Viċi Sindku Franco Ciangura semma li konna semmejna li jista li jsir bil-mosaic permezz ta' armi tal-Kunsilli Lokali.

## 12.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija

12.3.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 12.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku

12.4.1 Is-Sindku Kevin Cauchi semma kif għal ewwel darba fl-istorja tal-Kunsill din il-laqgħa qed issir b'mod virtwali bl-użu video conferencing mid-djar tagħna minħabba ċ-cirkustanzi relatati mal-Covid-19. Is-Sindku qal li minkejja li l-isfidi li għaddej minnu pajjiżna flimkien mal-bqija tad-Dinja, l-ħidma tal-Kunsill ma' waqfet xejn matul l-aħħar ġranet anzi rajna li nkunu pro-attivi u ngħinu lil kull min huwa fil-bżonn speċjalment il-persuni vulnerabbli u l-anzjani filwaqt li qed niħdu sehem attiv fil-ġlieda kontra din il-pandemija.

12.4.2 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa li kellu mal-Inginier Mizzi tal-Enemalta rigward diversi issues fil-lokal fosthom it-tneħħija tal-arbli li hemm ħdejn il-kazin tal-Football. Waqt is-*site inspection* saret referenza għall-ħtieġa ta' *substation* ġdida li ser issir fi Triq il-Provigarju u suppost li kif ser issir mhix ser terġa tintmess it-triq minkejja li jonqosha t-tieni kisja. Is-Sindku rrefera wkoll għaż-żjara li kellhom fi Triq Balzunetta biex jikkonfermaw fejn ser jeħlu l-lampi godda. L-Inġinier issuġġerixxa li peress li t-Triq għadha mħarbta u mhemmx servizzi mgħoddijin, ikun jaqbel finanzjarjament li nagħmlu trinka. Peress li t-triq għadha qatt ma saret, sar qbil li għandna ngħaddu t-talba lill-Ministeru għal Għawdex. Il-Viċi Sindku hawnhekk staqsa kif din it-triq issa hija pubblika meta fl-amministrazzjoni preċedenti morna biex innaddfu u ma ħallewniex. Is-Sindku kkonfermalu li issa t-triq ngħatat isem u b'hekk hija rreġistrata bħala triq pubblika. Is-Sindku rrefera wkoll għat-talba li saret rigward il-bozza li kienet weħlet ħdejn Taċ-Ċallu fi Triq Borġ Għarib u baqgħet ma nxtegħlitx. L-Inġinier issuġġerixxa li ssir *demarcation* box fil-main road u mbagħad is-sid jieħu ħsieb li jqabbad magħha hu.

12.4.3 Is-Sindku rrefera għas-sigra li tħawwlet fil-playing field Amabile Cauchi ad unur ta' Robert Cowley u li ġiet imħallsa minn martu. Sar qbil li għandna nagħmlu plakka biex tikkommemora dan il-ġest nobbli.

12.4.4 Is-Sindku rrefera għat-talba li għamilna sabiex parti oħra minn Triq ix-Xatt l-Aħmar tingħata bil-konkos ġiet milqugħa mill-Ministeru għal Għawdex u x-xogħol ser isir mill-ħaddiema tas-CMU. Irrefera wkoll għall-proposta li Triq ix-Xatt l-Aħmar ssir One Way għax-xhur tas-sajf biss u li din ukoll ġiet approvata. Rigward it-talba tal-*boat mooring* s'issa jidher li mhix faċli li ssir mill-Ministeru biss din it-talba ser tiġi nkluża mal-Masterplan li hemm għall-

bajja tax-Xatt l-Aħmar. Sar qbil li għadna niddiskutu mal-Perit Godwin Sultana kif għandna nipproċedu dwarha.

12.4.5 Is-Sindku rrefera għall-arma tal-Mosaic li saret mill-mosajkista Mary Portelli u tpoġġiet mal-faċċata tal-Kunsill. L-arma ġiet sabiħa ħafna u huwa rrimarka li hija ħasra li minħabba ċ-ċirkustanzi t-Team Mosaic ma jistax ikompli bil-proġetti tiegħu fosthom dak ta' Triq Borġ Għarib.

12.4.6 Is-Sindku rrefera għall-fatt li llum ingħata t-tarmak tat-trinka ta' Triq J F de Chambray u wara l-knisja. Huwa spjega kif qed nistennew li jkomplu bit-tneħħija tas-*sleeping police* tal-istess triq. Is-Sindku rrefera wkoll għal fatt li l-Għaqda Armar qed jinsistu li l-aħjar pożizzjoni tal-i*sleeping police* tkun lejn il-Muzew u qabel il-Maħżen biex lilhom ma ttellifhomx biex joħorgu l-armar. Il-Kunsill qabel ma dan u mal-fatt li din tista tiżżarma għal jiem tal-festa.

12.4.8 Is-Sindku rrefera għall-inċident li ġara din il-ġimgħa fit-Triq tal-Qala u li jinħtieġ li jsir xi Traffic Management f'din it-triq. Sar qbil li għandna ngħaddu din it-talba lill-Transport Malta biex jiġi mplimentat xi pjan.

12.4.9 Is-Sindku rrefera għal fatt li issa rċevejna l-konferma mingħand id-Dipartiment tal-Artijiet li l-Playing Field jgħajjat lilna. Huwa rrefera għal fatt li l-applikazzjoni li konna ssottomettejna mal-GAGF kienet ġiet rifjutata minħabba xi dokumentazzjoni nieqsa minn naħa tal-Birdlife. Issa ergajna ssottomottejna l-applikazzjoni bid-dokumentazzjoni kollha rikjesta u nittamaw li din id-darba tiġi approvata b'suċċess.

## 12.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

12.5.1 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura talab sabiex isir kuntatt mad-Diretturi tal-film fejn nitolbuhom sabiex b'xi mod jikkumpensaw lill-Għaqda Drammatika u l-membri tagħha tal-kontribut kbir li taw sabiex ittella' l-*filming*. Sar qbil li għandha tintbgħat email fejn niġbdu din l-attenzjoni.

12.5.2 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura propona wkoll li fiċ-cirkustanza tal-Covid 19 għandna nissiġillaw il-bankijiet l-aktar li jintużaw permezz ta' plastic biex nassiguraw li ma jiġux intużati biex tiġi rispettata s-*social distancing*. Huwa propona wkoll li għandhom isiru xi *signs* biex jinkoraġġixxu li wieħed jibqa ġewwa. Is-Sindku wieġbu li qed issir kampanja estensiva kemm fuq facebook u fuq it-televiżjoni f'dan ir-rigward. Sar qbil li rigward il-bankijiet għandna nibdew minn dawk l-aktar li jintużaw.

12.5.3 Il-kunsillier Stephen Mercieca rrefera għax-xogħolijiet li għaddejjin fit-tiswija tal-funtana tal-Pjazza tad-Dehra. Huwa semma' li mill-indiazzjonijiet jidher li ix-xogħol li qed jsir ser jħalli r-riżultati mixtieqa u malli nlestu u nħaddmuha nkunu nistgħu nagħlqu mill-ġdid il-pavimentar u jsir it-tikħil meħtieġ.

12.5.4 Il-kunsillier Stephen Mercieca propona sabiex noborxu l-faċċata tal-Kunsill u nagħtu s-sealer u naraw li tkun tixgħel kif jixirqilha.

12.5.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera bis-solidarjeta' li ntweriet mal-ġemelli tagħna ta' Tolfa f'dawn il-mumenti diffiċli li għaddejjin minnhom bil-mod kif laqtithom il-Coronavirus. Wrejna solidarjeta' magħhom permezz ta' post fuq facebook page tal-Kunsill u anke għal fatt li tilef ħajtu permezz ta' dan il-virus persuna li kellu għal qalbu verament dan il-gemellaġġ Silvestro Cecchetti. Il-Kunsill esperima s-sogħba tiegħu għat-telfa ta' dan ħuna Tolfetan.

12.5.6 Il-kunsillier Teddy Saliba ssuġġerixxa li għandna nitolbu lill-Arċipriet sabiex jikrilna kamra biex nużawha bħala store sakemm inkunu nistgħu nixxiftjaw l-istore tagħna u b'hekk fl-istess ħin inkunu nistgħu nagħmlu *stock taking* tal-inventarju tagħna. Is-Sindku raha li din l-idea tal-inventarju hija tajba ħafna iżda ma jħossx li hemm bżonn nikru x'imkien ieħor peress li l-istore ser jiġi xxiftjat minflok il-librerija u li ser tinqasam f'żewġ sulari permezz ta' raff u b'hekk ser tiġi spazzjuża ħafna.

12.5.7 Il-kunsillier Teddy Saliba rrefera għat-tlestija ta' Triq iż-Żewwieqa u faħħar lill-Ministeru għal Għawdex għal dan il-proġett għax ġie verament *state of art*. Il-Kunsill faħħar ukoll dan il-proġett.

12.5.8 Il-Kunsillier Teddy Saliba reġa' tenna t-talba tiegħu sabiex jinbidlu l-bozoz ta' mal-art tal-Belvedere. Is-Segretarja spjegatlu li kkuntatjat lill-kuntrattur u li wegħġibha li ma għandux *stock* minnhom bħalissa. Il-kunsillier Saliba wkoll staqsa dwar f'hiex wasalna fil-ħsieb tal-outdoor gym fl-istess Belvedere. Is-Sindku wieġbu li l-ħsieb hu li jinqalgħu bank jew tnejn u minflokhom isir *outdoor gym equipment*. Sar qbil li għandna nipproċedu dwar dan il-pjan wara li tgħaddi din il-pandemija.

12.5.9 Il-Kunsillier Teddy Saliba sahaq li huwa mportanti ħafna li qabel ma nżidu proġetti ġodda, ikun aktar xieraq li nagħmlu manutenzjoni xierqa lil dawk eżistenti u mbagħad naraw li nintroduċu oħrajn ġodda.

12.5.10 Il-Kunsillier Saliba rrefera wkoll għax-xogħolijiet li qed jitwettqu fi Triq Sant'Antnin u wkoll faħħar l-andament tax-xogħol u l-fatt li kif qed jgħaddu d-drenaġġ jidher li qed isir xogħol eċċellenti li zgur ser jaqta' kull inkonvenjent li kien ilhom iġarrbu għal snin twal ir-residenti ta' dik it-triq.

12.5.11 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura propona wkoll li għandna nagħtu figolla lil dawk l-anzjani li joqgħodu waħidhom bħala awgurju tal-Għid.

12.5.12 Il-Kunsillier Stephen Mercieca ssugerixxa li għandna noħorġu tender għall-major patching. Is-Segretarja għamlet referenza għal din l-istess deċiżżjoni li ttieħdet f'xi laqgħat preċedenti u sar qbil li għandna nipproċedu fuqha.

## 12.6 Korrispondenza u Rapporti

12.6.1 Ġiet trattata l-korrispondenza mingħand resident fi Sqaq fi Triq l-Imgarr għal fatt li qed isir parkeġġ fit-tarf tas-sqaq b'detriment li r-residenti li joqgħodu ġewwa mhux ikollhom aċċess li jidħlu bil-vetturi tagħhom anke f'każ ta' emergenza. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob lill-Transport Malta sabiex tinżebaħ Keep Clear fil-bidu ta' dan l-isqaq.

12.6.2 Ġiet trattata l-korrispondenza mingħand is-sid tal-lukanda l-ġdida li nbniet fil-Pjazza bl-isem The White Knight fejn talbet sabiex issir bankina estiża l-barra minħabba l-kundizzjonijiet provduti mill-KNPD. Wara li hija kkonsultat ma' Transport Malta huma proponew li t-Triq tiġi trasformata f'One Way. Il-Kunsill ma' qabilx ma' din id-deċizzjoni peress li dan jista joħloq inkonvenjent kbir meta jkun hemm it-toroq tan-naħa l-oħra tal-Pjazza magħluqin għal xi attivita' u għalhekk propona li testendi l-bankina permezz ta' rampa jew platform temporanja.

12.6.3 Saret referenza ghall-email mibghuta mill-Animal Welfare rigward cat neutering li qed isir minn xi ndividwi f'Ghajnsielem u li semmew li l-Kunsill ta' Ghajnsielem huwa msieheb maghhom. Il-Kunsill qabel li għandna l-progett taghna ta' cat cafes u cate neutering u nimxu mal-progett tagħna t li ser jigi launched kemm jista jkun malajr.

12.6.4 Il-Kunsillier Teddy Saliba staqsa dwar x'ser jiġri mill-cat shelter li hemm ħdejn il-monument tal-gwerra. Is-Sindku rreferielu għad-diversi argumenti dwar dan is-shelter u mhux la kemm tixxiftjah iżda qed nittamaw li issa li jiġu ntrodotti l-cat cafes il-ġodda, dawn il-qtates jiċċaqalqu awtomatikament u din il-problema tiġi solvuta. Is-Sur Saliba propona li għandna nagħmlulhom laqgħa dwar dan il-proġett il-ġdid.

## 12.7 Covid-19 – L-aħħar Żviluppi

12.7.1 Is-Sindku rrefera għat-tibdil li seħħ fil-ħidma u fil-ħajja tagħna ta' kuljum b'effett mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill 'l hawn li prattikament b'effett tal-imxija tal-COVID 19 anke f'pajjiżna. Huwa spjega kif bħala Kunsill qed naħdmu bi *skeleton staff,* bis-Segretarju Eżekuttiv li qeghda taħdem mid-dar minħabba li għandha persuni vulnerabbli fil-familja, bl-Uffiċjal Eżekuttiv li qeghda tkun *front desk* filgħodu biss u bl-Assitent Principal jidħol jaħdem fl-uffiċju wara nofsinhar meta l-ufficju jkun magħluq għal pubbliku peress li huwa wkoll għandu persuni vulnerabbli fil-familja tiegħu. Is-Sindku rrefera għad-diversi avviżi u miżuri li ħadna biex kemm jista jkun innaqqsu l-kuntatt tan-nies mal-istaff fosthom l-introduzzjoni tal-perspex fil-front desk u diversi servizzi li qegħdin noffru online u permezz tat-telefon. Ġbarna wkoll data tal-istabilimenti kollha t'Għajnsielem li joffru s-servizz ta' delivery u ħabbarnihom fuq facebook. Qed naħsbu wkoll sabiex fl-uffiċju tagħna nintroduċu *EPOS machine* biex jiġu ċirkulati flus mill-inqas fl-idejn. Fuq il-*facebook page* tagħna u anke fuq il-Yousafe Għajnsielem qegħdin

kontinwament npoġġu avviżi fejn ninsistu biex in-nies kemm jista jkun tibqa d-dar. Inxtraw ukoll numru ta' *sanitizers* u anke maskli għall-użu tal-ħaddiema u staff. Is-Sindku għamel referenza wkoll għad-disinfettazzjoni li saret mill-Ministeru għal Għawdex fil-pjazzez u t-toroq taċ-ċentru t'Għajnsielem.

## 12.8 Triq Sant' Indrija

12.8.1 Is-Sindku rrefera għal-qbil li sar fl-aħħar laqgħa li Triq Sant' Indrija nagħmluha One Way minn naħa ta' Triq l-Imġarr u ġiet approvata minn Transport Malta. Iżda s-Sindku wara li rrifletta s-sitwazzjoni nduna li r-residenti ta' Sant'Indrija sabiex imorru lejn ir-Rabat, jinħtieġu li jinżlu jdawwru mar-roundabout ta' ħdejn Chambray u li kien ser ikun ta' nkonvenjent kbir għalihom. Sar qbil li għalhekk għandna nwaqqgħu din it-talba u l-Viċi Sindku rrimarka li għandna nagħfsu fuq il-proposta tal-plastic bollards fi' Triq l-Imġarr minflok.

## 12.9 Applikazzjoni Restawr ta' siti Storiċi

12.9.1 Is-Sindku rrefera għall-iskema li ħarġet mill-Ministeru għal Għawdex dik ta' restawr ta' siti storiċi sa' massimu ta' €20,000. Is-Sindku rrefera għal fatt li huwa ġie kkuntatjat mill-Perit Edward Scerri dwar din l-iskema għax ma ġejniex innotifikati biha u għalhekk hass li għandna nużaw lilu biex napplikaw għaliha. Ġie deċiż li għandna napplikaw għal erba' niċeċ, dik ta' Pjazza Indipendenza, waħda fi Triq Hamri, waħda fi Triq Sant'Antnin u oħra fi Triq l-Imgarr. Sar qbil ukoll li għandna nitolbu għar-restawr taċ-ċumnija li hemm taħt il-Grand Hotel. Il-Viċi Sindku rrefera wkoll għal ex-voto fix-Xatt taħt il-mini u naraw tistax tiġi nkluża.

## 12.10 Traffic Calming Measures fi Triq Cordina

12.10.1 Is-Sindku rrefera wkoll għall-approval tat-traffic calming measures għal Triq Cordina u Triq tal-Bwier u sar qbil li għandhom jinxtraw *sleeping police* tar-*rubber* li jiswew madwar €1000 kull sett.

## 12.11 Bethlehem f'Għajnsielem – Rapport Finanzjarju

12.11.1Is-Sindku preżenta rapport finanzjarju tal-ħdax-il edizzjoni ta' Bethlehem f'Għajnsielem ibbazat fuq il-kontijiet kollha li daħħlu s'issa. L-attitivita' ġiet tiswa madwar €40,000 u x'ħin tnaqqas id-dhul ta' €5000 mingħand id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, l-€5000 li daħħalna mill-kampanja *Save the Blues* u d-€9000 mingħand il-Ministeru għal Għawdex u mid-€9000 li daħħal il-Kumitat mid-donazzjonijiet jiġi li l-parti tal-Kunsill tammonta għal €12,000.

12.11.2Is-Sindkju rrefera għal fatt li ċertu bidwi li għandu ż-żergħa qrib il-ġiebja qed jgħid li saritlu l-ħsara fl-għalqa tiegħu minħabba li l-ilma tal-ġiebja huwa

mielaħ. Sar qbil li għandna naraw dan l-ilment hux minnu u naraw x'qed jistenna bħala kumpens.

12.11.3Saret referenza wkoll għal kontijiet tas-sound u dawl tas-Sur Bugeja bħala xogħolijiet ta' Bethlehem. Ġie kkonfermat li l-ħlas dovut huwa għas-sound għall-edizzjoni sħiħa u li minkejja jgħid fid-dawl il-kont mitlub huwa għal-proviżjon tas-sound li huwa wieħed raġonevoli għal ħames ġimgħat attivita'.

12.11.4 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura talab sabiex jara kopja tal-kontijiet tal-hardware stores ħalli jkun jaf f'hiex intefqu. Sar qbil li għandna nibgħatu kopja ta' kull invoice u purchase order relatati.

12.11.5Il-Kunsillier Teddy Saliba ssuġġerixxa li għandu jinżamm inventarju tal-apparat li jintuħa f'Bethlehem f'Għajnsielem.

**12.12 Approvazzjoni tal-Estimi Annwali 2020**

12.12.1 Is-Segretarja preżentat l-Estimi Finanzjari għall-approvazzjoni. Wara diskussjoni dwar il-proġetti kapitali u spejjes oħra, il-Kunsill qabel mal-kontenut u l-Budget ġie approvat.

**12.13 Materji oħra**

12.3.1 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

**12.14 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

12.14.1 Is-Segretarja preżentat l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni. Il-pagamenti ġew approvati sabiex jiġu mħallsa.

**12.15 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

12.15.1Il-laqgħa ntemmet fil-5:00 ta' filghaxija u giet aggornata għal nhar it-Tnejn 18 ta' Mejju 2020 fis-1:00pm.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Ezekuttiv**